Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Ottubru 2020**
**(OR. en)**

**11866/20**

**ENER 343**
**CLIMA 235**
**CONSOM 169**
**TRANS 468**
**AGRI 324**
**IND 175**
**ENV 600**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2020) 952 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Rapport ta' progress dwar l-enerġija rinnovabbli |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 952 final.

---

Mehmuż: COM(2020) 952 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.10.2020
COM(2020) 952 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport ta' progress dwar l-enerġija rinnovabbli**

MT MT

## 1. INTRODUZZJONI

**L-Enerġija Rinnovabbli hija fil-qalba tal-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.** Id-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli [1] (RED I) hija element ċentrali fil-politika dwar l-enerġija tal-UE u xprunatur ewlieni biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija rinnovabbli għall-2020. Il-miri għall-2020 huma wkoll l-ewwel pass importanti biex tiġi pprovduta l-bażi biex sal-2030 tintlaħaq l-ambizzjoni akbar ta' tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) kif previst fil-Pjan dwar il-Mira Klimatika[2] skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew[3]. B'dik l-ambizzjoni akbar, l-UE stabbiliet triq bilanċjata lejn in-newtralità klimatika sal-2050 permezz tad-dekarbonizzazzjoni radikali tas-setturi kollha tal-ekonomija. F'dan is-sens, hemm bżonn tranżizzjoni mis-sistema tal-enerġija tal-lum għal sistema tal-enerġija integrata bbażata l-aktar fuq sorsi rinnovabbli. Kif speċifikat fil-valutazzjoni tal-impatt għall-Pjan dwar il-Mira Klimatika għat-tnaqqis ta' 55 % tal-gassijiet serra, is-sehem tal-2030 tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli se jkollu jilħaq it-38-40 %[4].

L-Istrateġija għall-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija[5] tenfasizza li l-ġejjieni tal-enerġija tal-Ewropa jrid jiddependi minn sehem dejjem jikber ta' enerġiji rinnovabbli distribwiti ġeografikament li jintegraw it-trasportaturi tal-enerġija differenti b'mod flessibbli, filwaqt li tinżamm l-effiċjenza tar-riżorsi u jiġu evitati t-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità. L-enerġija nadifa u rinnovabbli se tkun ukoll element kostitwenti tal-irkupru ekonomiku wara l-kriżi tal-COVID-19. Il-pjan ta' rkupru tal-Kummissjoni [6] kif ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2020 jenfasizza l-ħtieġa ta' integrazzjoni aħjar tas-sistema tal-enerġija, bħala parti mill-isforzi tagħha biex toħloq investiment f'teknoloġiji nodfa ewlenin u fil-katini tal-valur u biex iżżid ir-reżiljenza fl-ekonomija kollha. Fil-kuntest tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-Istati Membri għandhom iħejju pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, li għandhom ikunu konsistenti mal-isfidi u mal-prijoritajiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari dawk rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali jew dawk li jirriżultaw minnha. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom ikunu konsistenti wkoll mal-informazzjoni inkluża mill-Istati Membri fil-programmi nazzjonali ta' riforma taħt is-Semestru Ewropew, fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima (NECP) u fl-aġġornamenti tagħhom skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1999, fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali ġusta taħt il-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta, u fil-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi taħt il-fondi tal-UE.

---

1 Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ĠU L 140, 5.6.2009. p. 16

2 COM(2020) COM(2020) 562 final

3 COM(2019) 640 final.

4 SWD(2020) 176 final

5 COM(2020) 299 final

6 COM (2020)456 final

Element kostitwenti ewlieni huwa d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (RED II[7]) fl-24 ta' Diċembru 2018. Id-direttiva l-ġdida stabbiliet qafas robust biex tintlaħaq il-mira vinkolanti tal-UE ta' mill-inqas 32 % ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija sal-2030. Dan il-qafas mibni fuq il-progress taħt ir-RED I jinkludi fost oħrajn l-obbligu tal-Istati Membri li jużaw il-miri tal-2020 bħala l-linja bażi għat-trajettorji nazzjonali fl-NECPs. Wara s-sottomissjoni tal-NECPs kollha, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-UE issa mistenni jilħaq 33,1-33,7 %[8] fl-2030. Il-kontribuzzjonijiet aggregati tal-Istati Membri jindikaw li l-użu tal-enerġija rinnovabbli se jikber aktar malajr fis-snin sal-2030, b'mod li jekk l-Istati Membri jipprovdu (u jaqbżu) l-kontributi tagħhom tal-enerġija rinnovabbli, is-sehem globali tal-UE tal-enerġija rinnovabbli jaqbeż il-mira ta' 32 %.

Il-prijorità politika tal-UE li ssir il-mexxejja dinjija fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli hija msaħħa mill-preżenza ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fid-dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija. It-tmexxija teknoloġika hija prominenti fis-settur tal-enerġija nadifa (b'mod partikolari fl-enerġija mir-riħ, mill-oċeani, mit-teknoloġiji tal-grid intelliġenti u mill-idroġenu rinnovabbli), iżda jenħtieġu sforzi kontinwi biex jintlaħaq u jinbena vantaġġ kompetittiv fl-enerġija mill-batteriji u l-fotovoltajċi solari (PV)[9]. L-UE tinsab f'pożizzjoni għolja fost il-kompetituri internazzjonali fi brevetti ta' valur għoli li juru l-pożizzjoni ewlenija tal-Ewropa biex tinnova u tesporta teknoloġiji ġodda u mtejba b'livell baxx ta' karbonju[10].

Il-benefiċċji tas-sorsi rinnovabbli jestendu ferm lil hinn mid-dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija. L-enerġiji rinnovabbli huma sors ta' tkabbir ekonomiku u ta' impjiegi għall-Ewropej, b'mod partikolari l-impjiegi lokali **b'aktar minn 1,5 miljun persuna li bħalissa qegħdin jaħdmu fis-settur u bi dħul annwali stmat li jlaħħaq madwar € 158,9 biljun**[11]. Ir-rapport riċenti dwar il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija fl-Ewropa[12] jiddokumenta li l-ammonti akbar ta' enerġija rinnovabbli huma fattur rilevanti fil-waqgħa tal-prezzijiet tal-enerġija bl-ingrossa fis-snin riċenti. Dan jista' mbagħad inaqqas l-ispejjeż tal-enerġija għall-industrija u potenzjalment itejjeb il-kompetittività industrijali. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, it-tnaqqis fil-kost tat-teknoloġija flimkien mad-diġitalizzazzjoni qiegħed jibdel is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'forza mexxejja reali li tagħti s-setgħa lill-konsumaturi biex ikollhom rwol ewlieni fit-tranżizzjoni tal-enerġija.

**Dan ir-rapport jipprovdi l-aktar għarfien reċenti dwar il-progress li sar sal-2018 lejn il-miri nazzjonali vinkolanti tal-2020 dwar is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u jissodisfa l-obbligi ta' rapportar tal-Kummissjoni skont ir-RED I u d-Direttiva dwar it-Tibdil**

[7] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).
[8] COM(2020) 564 final Valutazzjoni madwar l-UE kollha tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima
[9] COM(2020)953 Rapport dwar il-progress tal-kompetittività tal-enerġija nadifa
[10]JRC (2017), Monitoring R&I in Low-Carbon Energy Technologies (Il-Monitoraġġ tar-R&I fit-Teknoloġiji tal-Enerġija b'Livell Baxx ta' Karbonju), http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC105642
[11] Barometru Eurobserv'ER (2020) 2019. https://www.eurobserv-er.org/19th-annual-overview-barometer/
[12] Studju sottostanti minn Trinomics għall-Kummissjoni Ewropea Rapport ta' Ottubru 2020 dwar il-prezzijiet u l-kost tal-Enerġija fl-Ewropa

**Indirett fl-Użu tal-Art (ILUC)**[13]**.** Dan juża statistika dwar l-enerġija bbażata fuq it-trażmissjonijiet mill-Istati Membri lill-Eurostat sa Lulju 2020 bħala sors primarju tad-*data* għall-evalwazzjoni tal-progress lejn il-mira tal-2020. Dan ir-rapport ikompli jibni fuq il-ħames rapport biennali ta' progress tal-Istati Membri dwar l-enerġija rinnovabbli li jkopri l-perjodu 2017–18[14], kif ukoll l-analiżi teknika komplementari magħmula matul l-2020. Jinkludi wkoll ħarsa ġenerali lejn il-potenzjal f'termini ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni flwaqt li jivvaluta l-oqfsa amministrattivi u s-sostenibbiltà tal-bijokarburanti.

Ir-rapport jikkonsisti f'erba' kapitoli ewlenin. Il-Kapitolu 2 jistabbilixxi valutazzjoni ġenerali fil-livell tal-UE filwaqt li l-Kapitolu 3 iżid analiżi aktar dettaljata tal-progress tal-Istati Membri, inklużi l-projezzjonijiet lejn l-2020. Il-Kapitolu 4 jivvaluta s-sostenibbiltà tal-bijokarburanti. Il-konklużjonijiet ġenerali b'rakkomandazzjonijiet huma ppreżentati fil-Kapitolu 5. Sakemm ma jissemmiex b'mod speċifiku, iċ-ċifri mogħtija f'dan ir-rapport jinkludu lir-Renju Unit, Stat Membru tal-UE fil-perjodu ta' rapportar tal-2018

## 2. IL-PROGRESS TAL-UE FL-UŻU TAL-ENERĠIJA RINNOVABBLI

**Fl-2018, l-UE laħqet sehem ta' 18,0 % (18,9% għall-EU-27) ta' enerġija rinnovabbli f'konsum finali gross tal-enerġija**, meta mqabbel mal-mira ta' mill-inqas 20 % (20,6[15] % għall-EU-27) għall-2020 u 'l fuq mit-trajettorja indikattiva ta' 16 % għall-2017/2018. Barra minn hekk, l-UE kollha kemm hi tinsab ukoll 'il fuq mit-trajettorja kemxejn aktar ambizzjuża ddefinita mill-Istati Membri stess fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (NREAPs)[16]. Dawn l-aħħar snin raw żieda kostanti fis-sehem globali ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES) fil-livell tal-UE u fl-ishma settorjali tal-enerġija rinnovabbli fl-elettriku (RES-E), fit-tisħin u fit-tkessiħ (RES-H&C), kif ukoll, f'livell inqas, fit-trasport (RES-T).

Fir-rigward tas-setturi individwali, fil-livell tal-UE **s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fl-elettriku, fit-tisħin u fit-tkessiħ kien sistematikament ogħla** mil-livelli ddefiniti mill-Istati Membri fl-NREAPs tagħhom, filwaqt li **s-settur tat-trasport jinsab ftit 'l isfel mis-sehem ippjanat** fl-NREAP (8,03 % attwali meta mqabbel mat-8,50 % ippjannat)[17]. Dan in-nuqqas huwa parzjalment dovut għad-dibattitu dwar il-politika tal-bijokarburanti u l-aġġustamenti relatati fil-qafas leġiżlattiv. Filwaqt li dawn l-aġġustamenti kienu meħtieġa biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar is-sostenibbiltà, l-inċertezza li rriżultat dwar il-qafas ta' politika tal-ġejjieni naqqset ir-ritmu tal-investimenti fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-bijokarburanti, inklużi l-bijokarburanti avvanzati[18]. Iż-żieda fl-investiment fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-

[13] Direttiva (UE) 2015/1513
[14] https://ec.europa.eu/energy/en/topics/renewable-energy/progress-reports
[15] Sehem aggregat indikattiv tal-EU 27 tal-miri vinkolanti nazzjonali tas-27 Stat Membru u bbażat fuq l-istimi tal-Kummissjoni tal-Konsum Finali Gross tal-Enerġija f'kull Stat Membru tal-EU-27 fl-2020
[16] https://ec.europa.eu/energy/en/topics/renewable-energy/national-action-plans
[17] Navigant (2020): Technical assistance in realisation of the 5th report on progress of renewable energy in the EU - Task 1–2 (Assistenza teknika fit-twettiq tal-ħames rapport ta' progress dwar l-enerġija rinnovabbli fl-UE – Kompitu 1–2). Kuntratt ta' servizz: ENER/C1/ 2019-478 [DOI 10.2833/325152]
[18] Il-bijokarburanti avvanzati huma definiti fir-RED bħala bijokarburanti prodotti minn lista pożittiva ta' materja prima magħmula l-aktar minn skart u residwi.

bijokarburanti avvanzati li tirriżulta mill-adozzjoni tar-RED II mhijiex riflessa fid-*data* tal-2018.

Il-bijoenerġija b'mod ġenerali tibqa' s-sors ewlieni ta' enerġija rinnovabbli fl-UE, b'sehem ta' madwar 60 % fl-2018. Il-bijokarburanti solidi jikkostitwixxu l-akbar sehem ta' bijoenerġija bi 68,4 %. Minn dawn il-bijokarburanti solidi, il-forestrija tammonta għal madwar 91 %. Il-forom l-oħra ta' bijoenerġija huma l-bijokarburanti likwidi (12,6 %), il-bijogass (11,6 %), is-sehem rinnovabbli tal-iskart muniċipali (7,2 %) u l-faħam (2 %)[19].




**Illustrazzjoni 1:** *L-ishma tal-enerġija rinnovabbli attwali u ppjanati għall-UE (2005-2020, %). Sors: Eurostat u l-pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (NREAP)*

F'termini tal-konsum assolut tal-enerġija rinnovabbli, it-tisħin u t-tkessiħ jipprovdu l-akbar kontribut (total ta' 102,9 Mtoe fl-2018), segwiti mill-qrib mill-elettriku rinnovabbli (90,3 Mtoe) u t-trasport (25,1 Mtoe)[20].

**Is-sorsi rinnovabbli ewlenin użati fis-setturi tal-konsum tal-enerġija kienu l-bijomassa għat-tisħin u għat-tkessiħ, l-idroelettriku u r-riħ għall-elettriku, u l-bijokarburanti għat-trasport.**

L-Istati Membri qegħdin primarjament jappoġġaw ir-RES T permezz ta' strumenti mmirati lejn l-użu tal-bijokarburanti, iżda qed jippromwovu dejjem aktar l-għażliet ta' elettromobbiltà jew attwalment qed jippjanaw li jimplimentaw sussidji għall-elettromobbiltà. Fost l-Istati

[19] Navigant (2020): Technical assistance in realisation of the 5th report on progress of renewable energy in the EU - Task 3 (Assistenza teknika fit-twettiq tal-ħames rapport ta' progress dwar l-enerġija rinnovabbli fl-UE – Kompitu 3). Kuntratt ta' servizz ENER/C1/ 2019-478
[20] Eurostat SHARES 2018. L-użu tal-multiplikaturi stabbiliti fir-RED I

Membri li diġà għandhom strumenti ta' appoġġ fis-seħħ hemm id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, Malta, l-Awstrija, ir-Rumanija, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

**Fis-settur tal-elettriku qiegħda ssir bidla ċara paradigmatika lejn is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli.** Bejn l-2010 u l-2018 il-kapaċità kumulattiva solari u eolika fl-UE kibret minn 110 GW għal 261 GW[21]. Wieħed mill-fatturi ewlenin kien it-tnaqqis fil-kost tal-elettriku mill-enerġija solari fotovoltajka u eolika, li matul il-perjodu mill-2009 sal-2018 naqas bi kważi 75 % u madwar 50 % (skont is-suq) rispettivament, minħabba tnaqqis fil-kostijiet kapitali, avvanzi fl-effiċjenza u titjib fil-katina tal-provvista u minħabba offerti kompetittivi għal skemi ta' appoġġ. Eż. il-Ġermanja u n-Netherlands minn nofs l-2016 'l hawn allokaw aktar minn 3,1 GW ta' kapaċitajiet lil hinn mill-kosta taħt offerti ta' sussidju żero[22]. Sa Lulju 2020, 18-il Stat Membru bdew jiddeterminaw il-livelli ta' appoġġ għal installazzjonijiet RES-E (akbar) fi proċess ta' offerti kompetittiv[23]. Kontinwazzjoni tax-xejra lejn proġetti RES-E kompletament ibbażati fuq is-suq tgħin biex jitrażżnu l-prezzijiet bl-imnut tal-elettriku billi jitnaqqas il-komponent relatat mal-appoġġ[24].

Mad-dinja kollha, **is-sorsi solari u eoliċi kienu jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-ġenerazzjoni tal-enerġija l-ġdida** fl-2019, għall-ewwel darba. Iż-żidiet solari ammontaw għal 119-il gigawatt (45 % tal-kapaċità l-ġdida kollha) u l-enerġija solari u eolika flimkien ammontaw għal aktar minn żewġ terzi taż-żidiet[25]. Bl-istess mod, l-IRENA tinnota li l-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli li għadha kif ġiet installata qiegħda tiswa dejjem inqas mill-irħas għażliet ta' ġenerazzjoni tal-enerġija bbażati fuq il-karburanti fossili[26].

It-tnaqqis fil-kostijiet huwa wkoll wieħed mill-ixprunaturi ewlenin għal żieda fil-forniment korporattiv ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, speċjalment fejn l-utenti tal-enerġija korporattiva jiffirmaw ftehim dirett dwar ix-xiri ta' enerġija ma' żviluppatur tal-enerġija rinnovabbli. Fil-perjodu 2015–2019, l-ammont ta' elettriku rinnovabbli li għandu jiġi fornut skont ftehimiet ta' xiri ta' enerġija korporattiva fl-Ewropa[27] ttrippla minn 847 MW għal 2 487 MW[28].

## 3. VALUTAZZJONIJIET DETTALJATI TAL-PROGRESS U TAL-PROJEZZJONIJIET TAL-ISTATI MEMBRI SAL-2020

[21] Eurostat 2020: L-enerġija tal-UE f'ċifri.
[22] JRC, Wind Energy Technology Market Report, EUR 29922 EN, European Commission, Luxembourg, 2019
[23] Navigant (2020): Technical assistance in realisation of the 5th report on progress of renewable energy in the EU - Task 1-2 (Assistenza teknika fit-twettiq tal-ħames rapport ta' progress dwar l-enerġija rinnovabbli fl-UE – Kompitu 1–2). Kuntratt ta' servizz: ENER/C1/ 2019-478 [DOI 10.2833/325152]
[24] COM(2020)951 Rapport dwar il-prezzijiet u l-kost tal-Enerġija fl-Ewropa
[25] https://www.bloomberg.com/news/articles/2020-09-01/the-world-added-more-solar-wind-than-anything-else-last-year#:%7E:text=For%20the%20first%20time%20ever,a%20report%20Tuesday%20by%20BloombergNEF
[26] https://www.irena.org/publications/2020/Jun/Renewable-Power-Costs-in-2019
[27] Inkluż in-Norveġja u r-Renju Unit
[28] Bloomberg New Energy Finance Corporate PPA Database, aċċessata f'Settembru 2020

1. **Progress fl-elettriku, fit-tisħin u t-tkessiħ u fit-trasport**

L-ishma tal-enerġija rinnovabbli jirriflettu d-diversità storika fit-taħlita enerġetika tal-Istati Membri u d-differenzi tagħhom fil-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli, b'**ishma li jvarjaw minn 7,4 % fin-Netherlands għal 54,6 % fl-Iżvezja fl-2018** (ara l-illustrazzjoni 2).




**Illustrazzjoni 2:** *L-ishma tal-enerġija rinnovabbli tal-UE u tal-Istati Membri f'konsum finali gross tal-enerġija 2017-2018 vs. it-trajettorji ta' RED I (sors: Eurostat)*

**Issa hemm tnax-il Stat Membru**[29] (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, (il-Greċja skont l-istimi), il-Finlandja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja u l-Iżvezja) **li diġà kisbu sehem ugwali jew ogħla għall-mira tagħhom għall-2020**. **Fl-istess waqt matul l-2018 sitt Stati Membri**, jiġifieri Spanja, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Portugall u r-Rumanija **naqqsu s-sehem tagħhom tal-enerġija rinnovabbli meta mqabbel mal-2017**.

Għat-trajettorji indikattivi tar-RED, 23 Stat Membru jinsabu ogħla minnha filwaqt li l-Irlanda, Franza, in-Netherlands, il-Polonja u s-Slovenja jinsabu taħtha. L-Irlanda, Franza, il-Polonja u s-Slovenja jinsabu taħtha b'ishma ta' bejn 0,7 u 2,3 % filwaqt li n-Netherlands juri l-akbar nuqqas, b'sehem reali ta' 6,9 % matul l-2017–2018 meta mqabbel ma' punt ta' trajettorja indikattiv tar-RED ta' 9,9 %. Dan baqa' lura aktar meta mqabbel mas-sehem tiegħu ta' 12,1 % tal-NREAP għall-2018. L-akbar devjazzjonijiet pożittivi mit-trajettorji indikattivi tar-RED tagħhom jistgħu jiġu osservati fil-Kroazja, fil-Bulgarija, fir-Repubblika Ċeka u fl-Italja.

Meta nħarsu lejn il-livelli assoluti tal-konsum tal-enerġija rinnovabbli fl-UE, naraw żieda sinifikanti minn 189 Mtoe fl-2015 għal 209 Mtoe fl-2018, jiġifieri 10,6 %. Madankollu fl-istess perjodu l-konsum finali gross tal-enerġija kiber minn 1126 Mtoe għal 1160 Mtoe, li

[29] Meta mqabbel ma' 11-il Stat Membru fl-2017.

rriżulta fi tnaqqis fl-impatt fuq is-sehem tal-enerġija rinnovabbli, peress li dan jiġi kkalkulat bħala l-konsum finali tal-enerġija rinnovabbli diviż bil-konsum finali gross tal-enerġija.

**L-ishma settorjali ta' enerġija rinnovabbli żdiedu għall-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri bejn l-2017–2018. Għas-settur tat-trasport, fejn l-Istati Membri kollha għandhom jilħqu l-istess mira ta' 10 %, żewġ Stati Membri biss, jiġifieri l-Finlandja u l-Iżvezja jinsabu 'l fuq minn dan il-livell.** Għalkemm hemm 4 Stati Membri f'firxa ta' 1 % minn din il-mira (Franza, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Portugall), il-bqija tal-Istati Membri se jkollhom bżonn żieda qawwija biex jilħqu l-mira ta' 10 %. Ir-rikors għal trasferimenti statistiċi għas-settur tat-trasport, li jista' jitwettaq permezz tad-Direttiva ILUC, huwa wkoll metodu possibbli li jista' jiġi esplorat.

## 2. Kollaborazzjoni transfruntiera u l-użu ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni

Il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni huma bbażati fuq l-Artikoli 6 sa 11 tar-RED I. Dawn jinkludu diversi mekkaniżmi li permezz tagħhom l-Istati Membri jistgħu jikkooperaw b'rabta mal-enerġija rinnovabbli, bħal trasferimenti statistiċi, proġetti konġunti u skemi ta' sostenn konġunti. It-trasferimenti statistiċi huma partikolarment rilevanti biex jiffaċilitaw l-ilħuq tal-mira peress li jippermettu lill-Istati Membri li jkunu laħqu sehem ta' enerġija rinnovabbli ogħla mill-mira nazzjonali tagħhom jittrasferixxu s-surplus tagħhom lil Stat Membru ieħor. **Attwalment hemm erba' ftehimiet biex isir użu mit-trasferimenti statistiċi.** Iż-żewġ ftehimiet tal-2017 bejn **il-Lussemburgu u l-Litwanja** u bejn **il-Lussemburgu u l-Estonja**, filwaqt li fl-2020 s'issa kien hemm żewġ ftehimiet addizzjonali bejn **in-Netherlands u d-Danimarka** kif ukoll bejn **Malta u l-Estonja**.

Skont l-istimi li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri inkludew fir-rapporti ta' progress tagħhom, **se jkun hemm produzzjoni żejda ġenerali ta' 12,177 ktoe ta' enerġija rinnovabbli meta mqabbel mat-trajettorja indikattiva disponibbli għal trasferimenti statistiċi potenzjali fl-2020**. Dan jikkorrispondi għal madwar nofs il-konsum finali gross tal-enerġija ta' Franza minn sorsi rinnovabbli. Għal Stat Membru li jaf ma jissodisfax il-mira tal-2020 billi juża s-sorsi rinnovabbli tiegħu stess, din tista' tkun għażla vijabbli biex jilħaq il-mira tiegħu b'mod kosteffiċjenti (ara t-tabella 1). Biex tikkomplementa dawn l-aspettattivi mill-Istati Membri, il-Kummissjoni qed tippreżenta projezzjoni aġġornata u koerenti għall-2020 fit-taqsima 3.

| | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Belġju** | | | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Il-Bulgarija** | | 362 | 348 | 520 | 630 | 593 | 602 | 638 | 579 | 767 | 411 | 341 |
| **Il-Kroazja** | | | | | | | | | | | | |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | | 0 | 0 | 0 | 0 | 1146 | 1040 | 947 | 863 | 892 | 678 | 643 |
| **Id-Danimarka** | | | 694 | 834 | 1123 | 1106 | 833 | 928 | 552 | 619 | | 63 |
| **Il-Ġermanja** | | | 9236 | 11831 | 9816 | 1066 | 7967 | 8069 | 3945 | 6141 | | 3065 |
| **L-Estonja** | | | 191 | 206 | 177 | 197 | 230 | 243 | 243 | 300 | 344 | 397 |
| **L-Irlanda** | | | | 93 | -14 | 111 | 79 | 26 | -142 | -12 | -239 | -366 |
| **Il-Greċja** | | 196 | 260 | 380 | 306 | 266 | 211 | -81 | -189 | -377 | 683 | 529 |
| **Spanja** | | | 2026 | 2866 | 2704 | 3326 | 2040 | 3106 | 1323 | 1220 | | 0 |
| **L-Italja** | 8324 | 8613 | 7405 | 10011 | 10936 | 9344 | 9456 | 7803 | 7555 | 5148 | 3805 | 2462 |
| **Ċipru** | | | | | | | 29 | 29 | 4 | 72 | 18 | 51 |
| **Il-Latvja**[30] | | | | | | | | | -37 | 16 | | |
| **Il-Lussemburgu** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 95 | | 86 |
| **L-Ungerija** | | 968 | 1150 | 1213 | 1295 | 883 | 970 | 803 | 470 | 271 | | |
| **Malta** | | | | | | | | | 3 | 4 | | 0 |
| **In-Netherlands** | | | | | | | | | 0 | 0 | - | - |
| **L-Awstrija** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **Il-Polonja** [31] | | 543 | 729 | 929 | 530 | 93 | 174 | -26031 | -544 | 790 | | 345 |
| **Il-Portugall** | | | | | | | | | | | | |
| **Ir-Rumanija** | 1207 | 1296 | 824 | 974 | 1114 | 1210 | 1091 | 1122 | 858 | 684 | 439 | 0 |
| **Is-Slovenja** | | | | | | | | | | | | |
| **Is-Slovakkja** | | | | | | | | | 45 | 84 | | 00 |
| **Il-Finlandja** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1179 | 1420 | 1420 | 1420 |
| **L-Iżvezja**[32] | 2407 | 2141 | 2482 | 3318 | 3214 | 3335 | 3347 | 3475 | 3215 | 3610 | 3428 | 3241 |
| **Somma totali** | **11938** | **14119** | **25345** | **33175** | **31831** | **22676** | **28069** | **27108** | **19922** | **21744** | **10987** | **12177** |

**Tabella 1**: *Produzzjoni attwali u stmata żejda u/jew nieqsa ta' enerġija rinnovabbli fl-Istati Membri meta mqabbla mat-trajettorja indikattiva tar-RED (ktoe). Sors: Navigant 2020*[33]*, rapporti tal-Istati Membri*[34].

[30] Jekk jogħġbok innota li l-Latvja tinsab 'il fuq mit-trajettorja indikattiva tagħha tar-RED u tal-NREAP ppjanata għall-2015–2016, iżda dan kien dovut għal konsum aktar baxx tal-enerġija. Hija ma laħqitx (kif indikat fir-rapport ta' progress tagħha) il-livelli tal-konsum gross ta' RES kif ippjanat, kif muri min-numri negattivi f'din it-tabella.

[31] Il-Polonja rrappurtat konsum reali gross ta' RES negattiv meta mqabbel mal-valur ippjanat għall-2016. Mill-aspett ta' perċentwal tinsab ukoll taħt it-trajettorja ppjanata tagħha tal-NREAP. Madankollu l-kisba tagħha f'perċentwali turi li tinsab 'il fuq mit-trajettorja indikattiva kif speċifikat fir-RED għall-2015/2016. Kawża possibbli tista' tkun konsum tal-enerġija globali aktar baxx milli ppjanat.

[32] Il-valuri għadhom jirreferu għar-Raba' Rapport ta' Progress. L-Iżvezja ma pprovdietx valuri aġġornati fil-Ħames Rapport ta' Progress iżda rreferiet biss għall-istimi tal-Aġenzija Żvediża tal-Enerġija.

[33] Navigant (2020): Technical assistance in realisation of the 5th report on progress of renewable energy in the EU – Task 1-2 (Assistenza teknika fit-twettiq tal-ħames rapport ta' progress dwar l-enerġija rinnovabbli fl-UE – Kompitu 1–2). Kuntratt ta' servizz: ENER/C1/ 2019-478 [DOI 10.2833/325152]

[34] It-tabella tinkludi biss ċifri li pprovdew l-Istati Membri fir-rapport ta' progress tagħhom, jiġifieri ebda informazzjoni mir-Renju Unit u minn ħames Stati Membri, jiġifieri l-Kroazja, il-Portugall, is-Slovenja, Franza u l-Litwanja

## 3. Prospetti għall-2020 – projezzjonijiet attwali

Sabiex tiġi vvalutata l-fattibbiltà tal-ilħuq tal-mira tal-2020, twettaq eżerċizzju ta' mmudellar[35] għall-Kummissjoni. L-analiżi hija bbażata fuq estrapolazzjoni ta' *data* statistika li tqis il-livell ta' investiment fir-RES, is-sensiela disponibbli ta' proġetti ta' RES u l-Inizjattivi ta' Politika Attwali[36] (CPI) rilevanti, inklużi trasferimenti statistiċi potenzjali. Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat inċertezza addizzjonali fuq id-diversi partijiet tas-suq tal-enerġija (rinnovabbli). Minħabba dawn l-inċertezzi qed jintwerew żewġ xejriet distinti tad-domanda (domanda baxxa u għolja) li jirrappreżentaw limiti inferjuri u superjuri probabbli ta' dak li huwa kklassifikat bħala fattibbli fir-rigward tax-xejriet tad-domanda[37]. Dan ikompli jiġi kkombinat ma' żewġ xenarji distinti għall-użu tal-kooperazzjoni fir-RES permezz ta' trasferimenti statistiċi: xenarju ta' "kooperazzjoni b'saħħitha" u ta' "kooperazzjoni dgħajfa". B'mod aktar preċiż, saru s-suppożizzjonijiet li ġejjin fil-livell tal-Istati Membri:

- "kooperazzjoni b'saħħitha": Trasferiment statistiku ta' total ta' 1 700 GWh mil-Estonja (1 000 GWh) u mil-Litwanja (700 GWh) lil-Lussemburgu, trasferiment statistiku ta' 16 000 GWh mid-Danimarka lin-Netherlands u trasferiment statistiku ta' 80 GWh mill-Estonja lil Malta.
- "kooperazzjoni dgħajfa": Trasferiment statistiku ta' 1 100 GWh lil-Lussemburgu (400 GWh mill-Estonja u 700 GWh mil-Litwanja), trasferiment statistiku ta' 8 000 GWh mid-Danimarka lin-Netherlands u trasferiment statistiku ta' 80 GWh mill-Estonja lil Malta.

**Dan l-immudellar jipprevedi li l-UE se tilħaq sehem ta' enerġija rinnovabbli ta' 22,8 %–23,1 %** (ara l-illustrazzjoni 3 hawn taħt) fl-2020. Isib ukoll li għadd ta' Stati Membri individwali huma mistennija li jmorru tajjeb fis-snin li fadal billi jilħqu livelli ta' użu lil hinn mil-livelli tal-mira tagħhom. Madankollu, **tliet Stati Membri (il-Belġju, Franza u l-Polonja) jinsabu f'riskju serju li ma jilħqux il-mira**. **Barra minn hekk, żewġ Stati Membri, jiġifieri n-Netherlands u l-Lussemburgu, jinsabu f'riskju moderat li ma jilħqux il-mira**. Għar-referenza, iċ-ċifra tinkludi wkoll il-linja bażi tal-2020 li l-Istati Membri speċifikaw fil-Pjanijiet Nazzjonali Finali tagħhom għall-Enerġija u l-Klima.

[35] Navigant (2020): Technical assistance in realisation of the 5th report on progress of renewable energy in the EU - Task 1-2 (Assistenza teknika fit-twettiq tal-ħames rapport ta' progress dwar l-enerġija rinnovabbli fl-UE – Kompitu 1–2. Kuntratt ta' servizz: ENER/C1/ 2019-478 [DOI 10.2833/325152]

[36] Innota li l-firxa tindika l-inċertezza relatata ma' parametru prinċipali ta' input għall-valutazzjoni bbażata fuq il-mudell tal-progress tar-RES fil-futur. B'mod notevoli, it-tnaqqis fid-domanda għall-enerġija ta' din is-sena (2020) minħabba l-pandemija tal-COVID-19, u l-bidliet korrispondenti (komparattivament żgħar) fil-provvista tar-RES għandhom rwol deċiżiv f'dan ir-rigward.

[37] Ix-xejriet tad-domanda huma bbażati fuq *data* disponibbli sa Lulju 2020




**Illustrazzjoni 3:** *Is-sehem mistenni tar-RES fl-2020 vs. is-sehem tar-RES fil-mira tar-RED għall-2020 u l-linja bażi tal-NECP tal-2020 (%) inklużi l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni (sors: Navigant)*

L-immudellar ikkalkula wkoll id-defiċits assoluti u s-surplus fl-Istati Membri, inklużi l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni (ara t-tabella 2).

| *Is-sehem tar-RES fid-domanda finali gross tal-enerġija sal-2020 - inkluż l-impatt tal-kooperazzjoni fir-RES* | **Sehem mistenni tar-RES għall-2020** (xenarju tas-CPI) | | **Sehem tar-RES fil-mira tar-RED għall-2020** | **Devjazzjoni mis-sehem tar-RES mistenni fil-mira tar-RED** (xenarju tas-CPI) | | **Devjazzjoni assoluta mis-sehem tar-RES mistenni fil-mira tar-RED** (xenarju tas-CPI) | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Min. | Mass. | | Min. | Mass. | Min. | Mass. |
| *Stat Membru* | [%] | [%] | [%] | [%] | [%] | [ktoe] | [ktoe] |
| **Il-Belġju** | 12,0 % | 12,0 % | 13,0 % | -7,6 % | -7,3 % | -321 | -303 |
| **Il-Bulgarija** | 23,8 % | 24,0 % | 16,0 % | 48,9 % | 50,1 % | 785 | 790 |
| **Iċ-Ċekja** | 17,6 % | 17,8 % | 13,0 % | 35,7 % | 36,6 % | 1 132 | 1 136 |
| **Id-Danimarka** | 30,9 % | 35,7 % | 30,0 % | 3,1 % | 18,9 % | 140 | 844 |
| **Il-Ġermanja** | 19,8 % | 20,0 % | 18,0 % | 9,8 % | 11,1 % | 3 643 | 4 041 |
| **L-Estonja** | 33,0 % | 34,9 % | 25,0 % | 31,8 % | 39,5 % | 236 | 289 |
| **L-Irlanda** | 16,6 % | 16,9 % | 16,0 % | 4,0 % | 5,5 % | 71 | 95 |
| **Il-Greċja** | 23,4 % | 23,8 % | 18,0 % | 30,3 % | 32,2 % | 831 | 862 |
| **Spanja** | 22,0 % | 22,4 % | 20,0 % | 9,9 % | 11,8 % | 1 523 | 1 763 |
| **Franza** | 20,0 % | 20,3 % | 23,0 % | -12,9 % | -11,8 % | -4 033 | -3 585 |
| **Il-Kroazja** | 34,6 % | 34,9 % | 20,0 % | 72,8 % | 74,5 % | 916 | 919 |
| **L-Italja** | 22,3 % | 22,7 % | 17,0 % | 31,3 % | 33,4 % | 5 522 | 5 732 |
| **Ċipru** | 15,9 % | 16,1 % | 13,0 % | 22,3 % | 24,2 % | 44 | 47 |
| **Il-Latvja** | 42,4 % | 42,6 % | 40,0 % | 6,0 % | 6,5 % | 96 | 101 |
| **Il-Litwanja** | 29,2 % | 29,3 % | 23,0 % | 27,0 % | 27,3 % | 325 | 328 |
| **Il-Lussemburgu** | 10,1 % | 11,6 % | 11,0 % | -8,4 % | 5,1 % | -34 | 21 |
| **L-Ungerija** | 14,3 % | 14,4 % | 13,0 % | 10,0 % | 10,5 % | 228 | 236 |
| **Malta** | 13,4 % | 13,6 % | 10,0 % | 34,0 % | 35,7 % | 18 | 18 |
| **In-Netherlands** | 12,5 % | 14,2 % | 14,0 % | -10,8 % | 1,2 % | -688 | 74 |
| **L-Awstrija** | 37,8 % | 38,2 % | 34,0 % | 11,2 % | 12,4 % | 1 009 | 1 099 |
| **Il-Polonja** | 13,7 % | 13,8 % | 15,0 % | -8,7 % | -8,3 % | -918 | -859 |
| **Il-Portugall** | 35,9 % | 36,4 % | 31,0 % | 15,8 % | 17,5 % | 784 | 847 |
| **Ir-Rumanija** | 27,8 % | 28,0 % | 24,0 % | 16,0 % | 16,8 % | 892 | 921 |
| **Is-Slovenja** | 27,7 % | 27,9 % | 25,0 % | 10,6 % | 11,6 % | 121 | 129 |
| **Is-Slovakkja** | 14,7 % | 14,9 % | 14,0 % | 5,3 % | 6,4 % | 71 | 84 |
| **Il-Finlandja** | 48,6 % | 48,9 % | 38,0 % | 27,8 % | 28,6 % | 2 697 | 2 721 |
| **L-Iżvezja** | 60,9 % | 61,6 % | 49,0 % | 24,3 % | 25,7 % | 3 914 | 4 058 |
| **Ir-Renju Unit**[38] | 16,2 % | 16,4 % | 15,0 % | 7,9 % | 9,7 % | 1 391 | 1 649 |
| **EU-27** | 22,8 % | 23,1 % | 20,0 % | 14,2 % | 15,5 % | *19 751** | *21 661** |
| **UE - flimkien mar-Renju Unit** | 22,1 % | 22,4 % | 20,0 % | 10,4 % | 11,8 % | *21 142** | *23 309** |

[38] Id-drittijiet u l-obbligi ta' Stat Membru japplikaw għar-Renju Unit sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020

**Tabella 2**: *Ishma mistennija u meħtieġa tar-RES fl-2020, inkluż mekkaniżmi ta' kooperazzjoni Sors: Navigant 2020*[39]

It-tabella 2 turi li **bl-użu tar-RES kif previst fl-EU-27, hemm marġini konsiderevoli għall-Istati Membri biex jistabbilixxu ftehimiet ta' trasferiment statistiku. Is-surplus huwa mill-inqas 19,7 Mtoe (229 TWh).** Abbażi tal-projezzjonijiet tad-domanda għall-enerġija mill-immudellar, l-użu tar-RES mistenni jiżdied bi 19,2–21,7 Mtoe fl-2018–2020.

L-immudellar kompla jsir speċifikament għas-settur tat-trasport sabiex jiġi vvalutat il-progress mistenni abbażi tal-politiki attwali u x-xejriet tad-domanda filwaqt li titqies il-pandemija tal-COVID-19.




**Illustrazzjoni 4:** *Is-sehem mistenni tar-RES-T fl-2020 vs. il-mira nazzjonali RES-T vinkolanti tas-settur skont ir-RED u l-linja bażi tal-NECP (%) (sors: Navigant)*

**Il-livell globali tal-UE mistenni jkun madwar 2 % ogħla mil-livell ta' 10 % sal-2020 u 16 minn 27 Stat Membru mistennija jilħqu (u jaqbżu) il-mira vinkolanti RES-T tagħhom tas-settur skont ir-RED fiċ-ċirkostanzi kollha vvalutati.** Fl-ogħla post ta' dik il-lista hemm l-Iżvezja, segwita mill-Finlandja, min-Netherlands, mill-Irlanda, minn Malta, mill-Kroazja u mill-Portugall li kollha kemm huma juru surplus akbar minn 50 % meta mqabbel mal-mira. Stati Membri oħra fejn jidher probabbli li tintlaħaq il-mira RES-T huma l-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, l-Awstrija, ir-Rumanija u s-Slovenja. Il-11-il Stat Membru li jifdal mhumiex mistennija jilħqu l-mira vinkolanti tagħhom għas-settur RES-T bil-politiki attwali għalkemm 3 Stati Membri (id-Danimarka, Spanja u l-Polonja) qegħdin

[39] Navigant (2020): Technical assistance in realisation of the 5th report on progress of renewable energy in the EU - Task 1-2. Kuntratt ta' servizz: ENER/C1/ 2019-478 [DOI 10.2833/325152]

inqas minn 0,5 % lil hinn mill-mira. L-Istati Membri li jinsabu aktar 'il bogħod huma l-Estonja, Ċipru, il-Lussemburgu u l-Litwanja, kollha b'defiċits akbar minn 25 %.

Peress li l-livell tal-UE huwa ferm ogħla minn 10 % tal-mira vinkolanti RES-T, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-użu ta' trasferimenti statistiċi għas-settur tat-trasport, kif permess mid-Direttiva ILUC.

## 4. Żviluppi fis-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi

Fil-ħames rapport ta' progress dwar l-enerġija rinnovabbli nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri rrapportaw dwar miżuri għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għal proġetti ta' enerġija rinnovabbli (skont l-Artikolu 13 tar-RED I). Skont analiżi esterna[40], f'termini globali, parti kbira mill-miżuri rilevanti fir-RED I ġiet implimentata b'suċċess fost l-Istati Membri. Dawn il-miżuri jinkludu, fost oħrajn: proċeduri ffaċilitati għal proġetti fuq skala żgħira, rekwiżiti għall-operaturi tas-sistema biex jipprovdu stimi tal-kostijiet u informazzjoni neċessarja oħra, rekwiżiti dwar id-distribuzzjoni tal-kostijiet tal-iżvilupp tal-grilja u tal-konnessjoni tal-grilja tal-enerġija rinnovabbli, kunsiderazzjoni tal-RES-E fil-pjan nazzjonali għall-iżvilupp tan-network u l-eżistenza ta' skemi ta' appoġġ li jippromwovu l-użu tal-enerġija rinnovabbli.

L-eżempji li ġejjin ta' żviluppi pożittivi fi Stati Membri individwali huma fost dawk identifikati fl-analiżi teknika[41]:

- ✓ <u>Id-Danimarka</u>
  - o punt uniku ta' servizz għat-turbini eoliċi lil hinn mill-kosta ssimplifika l-piż amministrattiv għall-approvazzjoni ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta;
  - o il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti kollha fil-proċess ta' liċenzjar hija mmaniġġata ċentralment mill-Aġenzija Daniża tal-Enerġija; u
  - o il-liċenzji jitħejjew minn qabel u jistgħu jinħarġu ladarba l-valutazzjoni tal-impatt ambjentali tal-offerent rebbieħ għall-proġett tkun ġiet approvata;
- ✓ mill-2018, i<u>l-Bulgarija</u> mexxiet portal web uniku ta' informazzjoni u servizzi għat-tressiq ta' applikazzjonijiet elettroniċi;
- ✓ <u>Il-Ġermanja</u> ffaċilitat l-amministrazzjoni u r-rappurtar billi introduċiet bażi tad-*data* komprensiva bid-*data* ewlenija kollha mis-swieq tal-elettriku u tal-gass;
- ✓ <u>L-Iżvezja</u>

[40] Navigant (2020): Technical assistance in realisation of the 5th report on progress of renewable energy in the EU – Task 1-2 (Assistenza teknika fit-twettiq tal-ħames rapport ta' progress dwar l-enerġija rinnovabbli fl-UE – Kompitu 1–2). Kuntratt ta' servizz: ENER/C1/ 2019-478 [DOI 10.2833/325152]

[41] Aktar dettalji jistgħu jinstabu f': Navigant (2020): Technical assistance in realisation of the 5th report on progress of renewable energy in the EU – Task 1–2 (Assistenza teknika fit-twettiq tal-ħames rapport ta' progress dwar l-enerġija rinnovabbli fl-UE – Kompitu 1–2). Kuntratt ta' servizz: ENER/C1/ 2019-478 [DOI 10.2833/325152]

- o il-formoli ta' applikazzjoni għall-għajnuna għall-investiment fl-enerġija solari fotovoltajka ġew issimplifikati;
- o l-applikazzjonijiet elettroniċi ġew iffaċilitati;
- o ir-rekwiżit għal segwitu ġie abolit; u
- o id-djalogu bejn l-aġenziji tal-gvern li jamministraw l-għajnuna tjieb; u

✓ <u>in-Netherlands</u> għandhom l-għan li:

- o iħaffu l-ippjanar spazjali b'Att dwar l-Ambjent li jidħol fis-seħħ fl-2021; u
- o jippjanaw pakketti u permessi biex inaqqsu l-kostijiet.

Madankollu għad fadal ukoll xi ostakli. Għalkemm diġà sar progress fil-passat, il-proċeduri amministrattivi fis-setturi kollha jistgħu jiġu ssimplifikati aktar f'ħafna Stati Membri. Barra minn hekk, fil-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għad hemm lok għal aktar simplifikazzjoni, u ż-żmien meħtieġ għall-ipproċessar tal-permessi jista' jitnaqqas. It-traspożizzjoni tar-RED II sat-30 ta' Ġunju 2021 teħtieġ titjib ġenerali ulterjuri ta' dawn il-proċeduri.

Fis-settur tal-elettriku, ir-rekwiżiti tal-ippjanar spazjali u ambjentali jfixklu l-progress f'xi Stati Membri. Fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ, l-ostakoli huma prinċipalment dovuti għal nuqqasijiet relatati mal-kapaċitajiet tan-networks ta' tisħin distrettwali, filwaqt li s-settur tat-trasport prinċipalment jiffaċċja ostakoli li jirriżultaw min-nuqqas ta' infrastruttura adegwata għall-vetturi elettriċi u mill-inċertezza fis-suq maħluqa minn bidliet fil-politika fil-qasam tal-bijofjuwils. L-integrazzjoni tal-kapaċitajiet ta' RES li qegħdin dejjem jiżdiedu fil-grilja hija wkoll sfida persistenti għall-maġġoranza tal-Istati Membri. L-ostakoli jirriżultaw prinċipalment mill-kost għoli tal-konnessjoni mal-grilja kif ukoll min-nuqqas ta' ċertezza fix-xenarji tal-iżvilupp tal-grilja u ta' trasparenza fil-proċeduri ta' konnessjoni

## 4. VALUTAZZJONI TAS-SOSTENIBBILTÀ TAL-BIJOFJUWILS[42]

### 1. Ħarsa ġenerali tal-konsum tal-bijofjuwils fl-UE

Fl-2018, il-konsum tal-UE ta' bijofjuwils sostenibbli ammonta għal 16 597 ktoe li minnhom 3 905 ktoe (24 %) kienu bijofjuwils tal-Anness IX[43] u 12 692 ktoe (76 %) kienu bijofjuwils konformi oħrajn.

**Il-biċċa l-kbira tal-bijofjuwils ikkunsmati fl-UE huma magħmula minn bijodiżil (77 %, FAME jew HVO) jew bijoetanol (16 %)**[44]. Bijofjuwils likwidi oħra (6 %) mhumiex

[42] Is-sors ewlieni għad-*data* u l-valutazzjoni li jinsabu f'din it-taqsima: "Technical assistance in realisation of the 5th report on progress of renewable energy in the EU" – Task 3 [DOI 10.2833/428247] and 4 [DOI 10.2833/10640]. Prodott taħt kuntratt ta' servizz ENER/C1/ 2019-478 minn "Navigant – A Guidehouse Company".

[43] "Bijokarbuanti tal-Anness IX" jkopru bijofjuwils prodotti minn materja prima elenkata fl-Anness IX għar-RED II.

[44] Sors: Eurostat nrg_bal_c. It-termini bijodiżil u bijoetanol jirreferu għall-kompożizzjoni fiżika tal-fjuwil. Il-bijodiżil huwa tip ta' fjuwil li jista' jitħallat mad-diżil. It-tipi ewlenin ta' bijodiżil huma l-Ester Metiliku tal-Aċidi Xaħmin (FAME) u ż-Żejt Veġetali Idrotrattat (HVO). L-etanol huwa l-isem kimiku ta' dak li komunement huwa magħruf bħala alkoħol. Dan jista' jitħallat mal-gażolina. Dawn it-termini ma għandhom ebda

speċifikati. **Madwar 59 % tal-materja prima użata għall-bijodiżil ikkunsmat fl-UE fl-2018 ġiet importata jew prodotta minn materja prima importata, filwaqt li 41 % ġiet minn materja prima tal-UE, prinċipalment mil-lift (26 %), miż-żejt tat-tisjir użat (8 %) u mix-xaħam tal-annimali (5 %).** Il-pajjiżi ta' oriġini ewlenin li mhumiex fl-UE huma l-Indoneżja (17 %) u l-Malasja (8 %), li ż-żejt tal-palm tagħhom jintuża għall-bijodiżil fl-UE, u l-Arġentina (9 %) li tesporta bijodiżil magħmul mill-fażola tas-sojja (ara t-Tabella 3).

| | Lift | Żejt tal-palm | Fażola tas-sojja | Żejt tat-tisjir użat (UCO) | Xaħam tal-annimali | Oħrajn, żjut tal-arżnu/kolufonja likwida, aċidi grassi, żejt tal-ġirasol | Total (%) | Total (ktoe) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| UE | 26 % | | 1 % | 8 % | 5 % | 1 % | 41 % | 5,871 |
| L-Awstralja | 2 % | | | | | | 2 % | 308 |
| L-Ukrajna | 2 % | | | | | | 3 % | 362 |
| Il-Kanada | | | | | | | 1 % | 96 |
| L-Indoneżja | | 15 % | | 2 % | | | 17 % | 2 382 |
| Il-Malasja | | 7 % | | 1 % | | | 8 % | 1,082 |
| L-Istati Uniti tal-Amerka | | | 3 % | 1 % | | | 4 % | 580 |
| Il-Brażil | | | 2 % | | | | 2 % | 266 |
| Iċ-Ċina | | | | 4 % | | | 4 % | 527 |
| L-Arġentina | | | 9 % | | | | 9 % | 1,342 |
| Oħrajn | | 1 %2) | | 3 %3) | | 1 % | 5 % | 707 |
| Mhux magħruf | 1 %1) | | | | | 4 % | 5 % | 671 |
| Total (%) | 32 % | 23 % | 15 % | 19 % | 5 % | 6 % | 100 % | |
| Total (ktoe) | 4 502 | 3 208 | 2 193 | 2 678 | 693 | 921 | | 14 194 |

1) Frazzjoni żgħira tal-importazzjonijiet tal-lift hija rrappurtata fil-Eurostat [kummerċ tal-UE mill-1988 minn CN8 [DS-016890]] bħala importazzjoni minn pajjiżi u territorji mhux speċifikati minħabba raġunijiet kummerċjali jew militari

2) Huwa stmat li frazzjonijiet iżgħar ta' bijodiżil ibbażat fuq iż-żejt tal-palm joriġinaw fost oħrajn mill-Honduras (0,3 %), mill-Gwatemala (0,1 %) u mill-Kolombja (0,1 %)

3) Huwa stmat li frazzjonijiet iżgħar tal-bijodiżil mill-UCO joriġinaw fost oħrajn mill-Arabja Sawdija (0,5 %), mill-Ġappun (0,3 %), mir-Russja (0,3 %)

**Tabella 3:** *L-oriġini tal-materja prima għall-bijodiżil ikkunsmat fl-UE (2018, % u ktoe). Sors: Analiżi ta' Navigant*

---

relazzjoni mas-sostenibbiltà tal-bijofjuwils, u barra minn hekk mhumiex relatati mal-kategoriji "bijofjuwils konformi" jew "bijofjuwils tal-Anness IX".

L-etanol ikkunsmat fl-UE huwa prodott prinċipalment minn materji prima tal-UE (73 %), inkluż mill-qamħ (34 %), mill-qamħirrum (24 %) u mill-pitrava ħelwa (14 %) u ammont żgħir biss mill-etanol ċellulożiku. Il-materja prima mhux tal-UE tammonta għal madwar 27 % tas-suq tal-bijoetanol tal-UE, prinċipalment qamħirrum li joriġina mill-Ukrajna, mill-Brażil, mill-Istati Uniti u mill-Kanada (ara t-Tabella 4).

| | **Qamħ** | **Qamħirrum** | **Xgħir** | **Segala** | **Tritikal** | **Pitravi ħelu** | **Kannamiela** | **Ċellulożika** | **Mhux magħruf/ieħor** | **Total (%)** | **Total (ktoe)** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| UE | 34 % | 24 % | | | | 14 % | | 0 % | | 73 % | 2 199 |
| L-Ukrajna | 0 % | 4 % | | | | | | | 0 % | 4,5 % | 134 |
| Il-Brażil | | 2 % | | | | | 1 % | | | 2,6 % | 79 |
| Il-Kanada | 0 % | 1 % | | | | | | | | 0,8 % | 24 |
| L-Istati Uniti tal-Amerka | 0 % | 2 % | | | | | | | | 2,2 % | 68 |
| Ir-Russja | 1 % | 0 % | | | | | | | | 1,6 % | 50 |
| Il-Pakistan | | | | | | | 2 % | | | 1,6 % | 49 |
| Oħrajn | 0 % | 1 % | | | | | 1 % | | 2 % | 4,0 % | 119 |
| Mhux magħruf | | | 2 % | 3 % | 5 % | | | | | 9 % | 285 |
| Total (%) | 37 % | 34 % | 2 % | 3 % | 5 % | 14 % | 4 % | 0 % | 2 % | 100 % | |
| Total (ktoe) | 1 101 | 1 016 | 70 | 79 | 136 | 425 | 116 | 8 | 54 | | 3 006 |

**Tabella 4:** *L-oriġini tal-materja prima għall-bijoetanol ikkunsmat fl-UE (2018, % u ktoe). Sors: Analiżi ta' Navigant*

Minbarra l-bijodiżil u l-bijoetanol, ammont żgħir ta' bijogass jiġi kkunsmat fit-trasport bit-triq fl-Iżvezja (118 ktoe) u fil-Ġermanja (33 ktoe).

| | Bijofjuwils solidi | Bijogass | Bijogażolina | Bijodiżil | Bijofjuwils likwidi oħrajn | Pitrolju bijoloġiku tal-ġett | Bijofjuwils likwidi totali | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Fit-triq | - | 153,8 | 2 997,2 | 13 629,9 | 0,7 | - | 16 627,8 | 16 781,7 |
| Ferroviji | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 26,3 | 0,0 | - | 26,3 | 26,3 |
| Avjazzjoni domestika | - | - | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 | 0,0 |
| Navigazzjoni domestika[2)] | - | 0,0 | 2,0 | 5,0 | 0,0 | - | 6,9 | 6,9 |
| Trasport mhux speċifikat | - | 0,0 | 0,0 | 5,6 | 0,0 | 0,0 | 5,6 | 5,6 |
| Total | 0,0 | 153,8 | 2 999,2 | 13 666,7 | 0,7 | 0,0 | 16 666,6 | 16 820,5 |

1) Il-kategoriji tal-Eurostat "faħam" u "skart solidu muniċipali" huma esklużi mit-tabella, peress li ma jiġux ikkunsmati fit-trasport skont l-Eurostat nrg_bal_c. Il-kategorija tal-Eurostat "konsum fit-trasport bil-pajpijiet" ma tikkonsma ebda bijofjuwil u ġiet eskluża mit-tabella. It-total ta' bijofjuwils likwidi huwa t-total ta' bijogażolina, bijodiżils, bijofjuwils likwidi oħra u pitrolju bijoloġiku tal-ġett. Kombinazzjonijiet improbabbli (eż. bijofjuwils solidi fl-avjazzjoni) huma indikati bis-sinjal "-". 2) In-navigazzjoni domestika tinkludi l-kwantitajiet kollha kkonsenjati lil bastimenti tal-bnadar kollha fl-Ewropa kif ukoll in-navigazzjoni interna u l-jottijiet.

**Tabella 5:** *Konsum tal-bijoenerġija finali fit-trasport tal-UE (2018, ktoe). Sors: [Eurostat nrg_bal_c]1)*

## 2. L-impatti tal-bijofjuwils ikkunsmati fl-UE

Huwa stmat li 7,4 Mha ta' art kienu meħtieġa għall-produzzjoni ta' għelejjel għall-konsum tal-bijofjuwils fl-UE fl-2018.[45] Minn dak l-ammont, 3,4 Mha (46 %) jinsab fl-UE u 3,8 Mha (51 %) jinsabu f'pajjiżi terzi. Iż-0,2 Mha li jifdal (3 %) kienu għax-xgħir, għas-segala u għat-tritikal li ġejjin minn pajjiżi mhux magħrufa. L-ammont totali ta' raba' ddedikat għall-produzzjoni tal-bijofjuwils, fl-UE kien 3 % (fuq il-bażi ta' stima ta' raba' totali tal-UE ta' 117-il Mha), li minnu l-lift jammonta għal 72 % tal-art totali użata għall-produzzjoni tal-bijofjuwils. Fl-2018, l-użu tal-art għall-bijofjuwils ikkunsmati fl-UE kien jammonta għal 0,5 % tal-użu globali tal-art għall-produzzjoni ta' għelejjel użati għall-bijofjuwils. L-użu tal-art għall-bijofjuwils ikkunsmati fl-UE jammonta għal 8,5 % tal-użu globali tal-art għall-produzzjoni tal-lift u 5,2 % fil-każ taż-żejt tal-palm. Għal ħafna mill-pajjiżi mhux tal-UE, huwa stmat li inqas minn 1 % tar-raba' totali tagħhom intuża għall-estrazzjoni tal-materja prima li għandha tintuża fil-produzzjoni ta' bijofjuwils prodotti jew ikkunsmati fl-UE.

Tul dawn l-aħħar snin ma ġiet osservata ebda korrelazzjoni bejn il-prezzijiet tal-ikel u d-domanda tal-bijofjuwils. Kwalunkwe impatt fuq il-prezzijiet tal-ikel huwa żgħir meta mqabbel ma' dinamika oħra fis-suq globali tal-ikel. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma osservaw ebda impatt fuq il-prezzijiet minħabba żieda fid-domanda għall-bijoenerġija fil-pajjiżi tagħhom. L-aħħar darba li l-prezzijiet tal-ikel żdiedu b'mod sinifikanti kien bejn l-2006 u l-2008 u fl-2011. Mill-2011, il-prezzijiet globali tal-ikel reġgħu niżlu għal-livelli tal-2010. Fil-letteratura[46], ġew identifikati kawżi oħra minbarra l-produzzjoni tal-bijofjuwils għaż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel fil-perjodu taż-żidiet qawwija fil-prezzijiet tal-ikel fl-2006-2008 u l-2011. Madankollu għandu jiġi nnutat li bejn l-2008 u l-2016, iż-żieda fid-domanda globali għall-għelejjel tal-ikel u tal-għalf ġiegħlet lis-settur agrikolu jżid il-produzzjoni b'mod kostanti, u dan inkiseb kemm biż-żieda fir-rendimenti kif ukoll permezz tal-espansjoni taż-żona agrikola. Huwa stmat li l-industrija tal-bijofjuwils kienet timpjega 208 000 persuna fl-2018, u b'hekk kienet it-tielet l-akbar ġeneratur ta' impjiegi fl-enerġija rinnovabbli wara l-enerġija mir-riħ u mill-bijomassa solida (314 000 u 387 000). Il-pajjiżi bl-akbar ammont ta' impjiegi huma r-Rumanija (40 000 impjieg) u l-Polonja (41 200 impjieg) minħabba ż-żona ta' art agrikola kbira tagħhom. Franza hija t-tielet l-akbar (29 100 impjieg) peress li għandha kemm faċilitajiet ta' produzzjoni ta' bijofjuwils kif ukoll produzzjoni tal-materja prima.

---

[45] Fil-kalkolu tal-użu tal-art għall-għelejjel użati għall-produzzjoni tal-bijofjuwils, l-ammont ta' bijofjuwil prodott minn tip speċifiku ta' għalla ġie kkonvertit fl-ammont ta' materja prima meħtieġa biex jiġi prodott dak l-ammont ta' bijofjuwil, filwaqt li tqiesu wkoll il-prodotti sekondarji.

[46] Ecofys, 2013, Biofuels and food security (Il-bijofjuwils u s-sigurtà tal-ikel); Filip, Ondrej, *et al.*, 2019, Food versus fuel: An updated and expanded evidence

Il-kultivazzjoni tal-materja prima użata għall-produzzjoni tal-bijofjuwils ikkunsmati fl-UE tista' potenzjalment tirriżulta f'impatti ambjentali negattivi. Minbarra l-impatti indiretti, dawn l-effetti normalment ikunu speċifiċi għas-sit u jiddependu mill-prattiki agrikoli u huma komparabbli mal-impatt tal-għelejjel prodotti għal użi oħra[47]. Dawn l-impatti ambjentali negattivi jinkludu l-ewtrofikazzjoni tal-korpi tal-ilma, l-iskarsezza tal-ilma, l-erożjoni tal-ħamrija, il-kompattazzjoni tal-ħamrija, it-tniġġis tal-arja, it-telf tal-ħabitats u t-telf tal-bijodiversità. L-impatti bħall-konverżjoni ta' art b'ħażna għolja ta' karbonju u art ta' valur għoli ta' bijodiversità huma pprojbiti mill-kriterji tas-sostenibbiltà. Fir-Rapporti ta' Progress tagħhom, ħafna mill-Istati Membri jindikaw kultivazzjoni limitata ta' materja prima użata fil-produzzjoni tal-bijofjuwils meta mqabbla mal-attivitajiet agrikoli totali, u jqisu għalhekk li l-impatti ambjentali assoċjati huma baxxi. Diversi Stati Membri jisħqu li l-produzzjoni agrikola kollha hija regolata fir-rigward tal-impatti ambjentali u għalhekk iqisu li ebda impatt ieħor m'għandu jkun mistenni mill-produzzjoni tal-għelejjel tal-bijofjuwils milli minn produzzjoni ta' għelejjel oħra.

**Skont informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri, l-iffrankar tal-emissjonijiet totali mill-użu tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport fl-UE ammonta għal 45,6 Mt Co2eq fl-2018.** Ir-rapporti tal-Istati Membri jindikaw l-iffrankar totali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport u ma jispjegawx ir-rwoli tal-elettriku rinnovabbli u (ta' tipi differenti ta') bijofjuwils. Madankollu minħabba s-sehem kbir ħafna ta' bijofjuwils fir-RES-T (89 %), huwa raġonevoli li nassumu li l-iffrankar tal-emissjonijiet jirriżulta l-aktar mill-użu tal-bijofjuwils. B'kont meħud tal-fatturi provviżorji stmati ta' emissjonijiet tal-ILUC stabbiliti fir-RED, jirriżulta f'iffrankar totali ta' emissjonijiet mill-użu ta' bijofjuwils fit-trasport ta' 24 Mt CO2eq (b'firxa minn 18,8 sa 33,8 Mt)[48]. Għalkemm il-livell tal-emissjonijiet tal-ILUC jiddependi fuq varjetà ta' fatturi[49] u ma jistax jitkejjel b'mod preċiż, ir-riżultati juru li l-kontribut tal-bijofjuwils mill-għelejjel tal-ikel u tal-għalf għad-dekarbonizzazzjoni huwa limitat u l-użu tagħhom għall-produzzjoni tal-enerġija, kemm jekk prodotti fl-UE kif ukoll jekk importati, għandu jiġi minimizzat. F'dan l-isfond, ir-RED II tillimita l-ammont ta' bijofjuwils prodotti minn għelejjel tal-ikel u l-għalf li jistgħu jingħaddu mas-sehem globali ta' sorsi rinnovabbli u s-sehem ta' sorsi rinnovabbli fit-trasport u tipprevedi t-tneħħija gradwali tal-bijofjuwils b'riskju għoli ta' ILUC. Madankollu, id-Direttiva tagħmilha possibbli li dawk il-fjuwils kollha ċċertifikati li huma f'riskju baxx ta' ILUC jiġu eżentati mil-limiti nazzjonali.

Sabiex timplimenta dan l-approċċ, fit-13 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni adottat Att Delegat li jistabbilixxi regoli għad-determinazzjoni tal-bijofjuwils b'riskju għoli ta' ILUC u ċ-

---

[47] Madankollu għandu jiġi nnotat li la d-*data* speċifika għas-sit u lanqas id-*data* relatata speċifikament mal-impatti ambjentali lokali tal-kultivazzjoni ta' materji prima għall-produzzjoni tal-bijofjuwils ma huma disponibbli.

[48] L-impatt tal-ILUC jiġi kkalkulat abbażi tal-emissjonijiet stmati provviżorji mit-tibdil indirett fl-użu tal-art mill-materja prima għall-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa (g CO2eq/MJ) fl-Anness VIII għad-Direttiva (UE) 2018/2001.

[49] Il-fatturi proviżorji stmati tal-ILUC kienu pereżempju bbażati fuq xenarju li jassumi żieda sostanzjali fil-livell tal-konsum, li ma seħħitx.

ċertifikazzjoni ta' bijofjuwils b'riskju baxx ta' ILUC[50], li jidentifika ż-żejt tal-palm bħala materja prima b'riskju għoli ta' ILUC. Il-bijofjuwils prodotti miż-żejt tal-palm għalhekk ikunu soġġetti għal eliminazzjoni gradwali sakemm ma jissodisfawx il-kriterji stretti għal fjuwils b'riskju baxx ta' ILUC. Fl-2021, il-Kummissjoni se tirrevedi d-*data* dwar il-bijofjuwils b'riskju għoli ta' ILUC u tistabbilixxi trajettorja għat-tneħħija gradwali tagħhom sal-2030.

B'mod aktar ġenerali, l-UE ddeċidiet li timminimizza l-użu ta' bijofjuwils ibbażati fuq għelejjel tal-ikel u tal-għalf u li fil-futur tiffoka fuq il-promozzjoni ta' bijofjuwils avvanzati u fjuwils oħra b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, bħall-elettriku rinnovabbli, fjuwils tal-karbonju riċiklati u fjuwils tat-trasport likwidi u gassużi rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika. Fl-2018, il-bijofjuwils avvanzati kienu jirrappreżentaw 828 ktoe (21 %) mit-3 905 ktoe ta' bijofjuwils tal-Anness IX, li jikkorrispondu għal sehem mis-suq tal-bijofjuwils ta' 5 % (ta' 16 597 ktoe). Dan is-sehem kiber b'mod sinifikanti fl-imgħoddi reċenti u mistenni jkompli jikber fil-futur. Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi l-iżvilupp ta' bijofjuwils avvanzati inkluż billi tesplora sorsi għal materja prima potenzjali ġdida u billi tappoġġa l-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġiji għall-konverżjoni ta' materja prima disponibbli fuq skala, b'mod partikolari l-iskart u r-residwi.

## 3. L-operazzjoni tal-iskemi volontarji rikonoxxuti mill-Kummissjoni

Ir-RED I[51], u minn Lulju 2021 ir-RED II, jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi skemi ta' ċertifikazzjoni, imsejħa skemi volontarji, li l-operaturi jistgħu jużaw biex juru l-konformità tagħhom mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar ta' gassijiet serra tad-Direttiva. **S'issa ġew rikonoxxuti 13-il skema volontarja għal dan il-għan[52]**. Taħt dawn l-iskemi, l-Istati Membri huma meħtieġa jaċċettaw l-evidenza dwar il-kriterji ta' sostenibbiltà miksuba mill-operaturi li jipparteċipaw f'dawn l-iskemi. Dan jiffaċilita ħafna l-implimentazzjoni tal-kriterji ta' sostenibbiltà peress li jippermetti li l-operaturi jipprovdu l-evidenza meħtieġa wara proċedura unika fl-Istati Membri kollha. Kull skema volontarja li dwarha tkun ġiet adottata deċiżjoni u li tkun ilha operattiva għal tnax-il xahar hija meħtieġa tressaq rapporti annwali lill-Kummissjoni.

Matul dawn l-aħħar ftit snin, l-iskemi volontarji saru l-għodda ewlenija biex tintwera konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà tal-bijofjuwils tal-UE. Fl-2019, 21 876 kilotunnellata (kt) ta' bijofjuwils likwidi (inkluż żejt veġetali pur), 147 357 elf m3 ta' bijometan (ekwivalenti għal madwar 106 kt), u 219 266 kt ta' materja prima ġew iċċertifikati li jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà tal-UE kif stabbilit fl-Artikoli 17(2)-(5) tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.[53]

---

[50] C(2019) 2055 final.
[51] Id-Direttiva 2009/28/KE 30 (RED I) se titħassar fit-30 ta' Ġunju 2021.
[52] https://ec.europa.eu/energy/topics/renewable-energy/biofuels/voluntary-schemes_en
[53] Id-*data* għall-bijofjuwils likwidi ġiet eskluża minn skema volontarja waħda minħabba inkonsistenzi identifikati.

Ħarsa aktar dettaljata lejn il-bijofjuwils likwidi ċertifikati turi li 12 099 kt (55 % tat-total) kienu bijodiżil u 6 340 kt (29 %) kienu bijoetanol. Il-bqija kienu bijofjuwils ta' Żejt Veġetali Idrotrattat (HVO) (2 671 kt, 12 %), żejt veġetali pur (380 kt, 1,7 %) u fjuwils oħra (385 kt, 1,8 %). Il-materja prima ewlenija ċertifikata użata għall-bijofjuwils kienet il-lift (24 %), iż-żejt tal-palm (16 %), iż-żejt tat-tisjir użat (13 %), il-kannamieli (12 %) u l-qamħirrum (10 %).

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi biss skemi li jissodisfaw standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza u awditjar indipendenti. Għal dan il-għan, hija twettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-iskemi volontarji li jirrikjedu rikonoxximent[54]. Dan jiżgura, fost affarijiet oħra: li l-produtturi ta' materja prima jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà tad-Direttiva, li l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi tas-sostenibbiltà tkun traċċabbli għall-oriġini tal-materja prima, li l-kumpaniji jkunu awditjati qabel jibdew jipparteċipaw fl-iskema, li l-awditi retrospettivi jseħħu b'mod regolari u li l-awdituri jkunu esterni u indipendenti.

F'dawn l-aħħar snin, il-governanza tal-iskemi volontarji kienet taħt skrutinju dejjem akbar, pereżempju mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri[55]. Sabiex jindirizza dan it-tħassib u jiggarantixxi implimentazzjoni robusta, l-Artikolu 30 tar-RED II jistabbilixxi regoli msaħħa għall-verifika tal-kriterji ta' sostenibbiltà tal-bijoenerġija, inkluża sorveljanza nazzjonali u tal-UE aktar b'saħħitha ta' skemi volontarji u awditjar minn partijiet terzi. Barra minn hekk, fl-2021 il-Kummissjoni se tadotta regoli ta' implimentazzjoni dettaljati dwar standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza u awditjar indipendenti u se teħtieġ li l-iskemi volontarji rikonoxxuti kollha japplikawhom. Bħalissa qed taħdem fuq dawn l-istandards, li fost ħwejjeġ oħra se jarmonizzaw l-implimentazzjoni tas-sistema tal-bilanċ tal-massa u se jkomplu jsaħħu r-rekwiżiti għall-governanza, it-trasparenza u l-awditjar tal-iskemi. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tistabbilixxi bażi tad-*data* Ewropea sabiex ittejjeb it-traċċar ta' bijofjuwils sostenibbli.

---

[54] Id-dettalji dwar il-proċess ta' rikonoxximent tal-iskemi volontarji jinsabu fuq is-sit web tal-Kummissjoni li ġejja: https://ec.europa.eu/energy/topics/renewable-energy/biofuels/voluntary-schemes_en

[55] Il-Qorti tal-Awdituri (QEA), 2016, Rapport speċjali Nru 18/2016: Is-sistema tal-UE għaċ-ċertifikazzjoni ta' bijofjuwils sostenibbli.

| Skema volontarja | Kamp ta' Applikazzjoni | | |
|---|---|---|---|
| **Isem** | **Tip ta' materja prima** | **Oriġini tal-materja prima** | **Katina ta' provvista koperta** |
| International Sustainability and Carbon Certification (ISCC) (Ċertifikazzjoni Internazzjonali tas-Sostenibbiltà u tal-Karbonju) | Firxa wiesgħa ta' tipi ta' materja prima | Globali | Katina ta' provvista sħiħa |
| Bonsucro UE | Kannamiela | Globali | Katina ta' provvista sħiħa |
| Diskussjoni dwar Bijomaterjal Sostenibbli EU RED (RSB EU RED) | Firxa wiesgħa ta' tipi ta' materja prima | Globali | Katina ta' provvista sħiħa |
| RTRS EU RED | Sojja | Globali | Katina ta' provvista sħiħa |
| Protokoll tal-Istati Uniti dwar l-Assigurazzjoni tas-Sostenibbiltà tal-Fażola tas-Sojja (SSAP) | Sojja | Stati Uniti | Mill-kultivazzjoni għall-post tal-esportazzjoni |
| Skema volontarja tal-Bijofjuwils tal-Bijomassa (2BSvs) | Firxa wiesgħa ta' tipi ta' materja prima | Globali | Katina ta' provvista sħiħa |
| Red Tractor Farm Assurance Combinable Crops & Sugar Beet (Red Tractor) | Ċereali, żrieragħ taż-żejt, pitrava ħelwa | Ir-Renju Unit | Sal-ewwel punt ta' konsenja ta' materja prima |
| REDcert | Firxa wiesgħa ta' tipi ta' materja prima | L-Ewropa | Katina ta' provvista sħiħa |
| Bijomassa Aħjar | Firxa wiesgħa ta' tipi ta' materja prima | Globali | Katina ta' provvista sħiħa |
| Sistema KZR INiG | Firxa wiesgħa ta' tipi ta' materja prima | L-Ewropa | Katina ta' provvista sħiħa |
| Trade Assurance Scheme for Combinable Crops (TASC) | Għelejjel li jistgħu jitħalltu, bħaċ-ċereali, iż-żrieragħ taż-żejt u l-pitrava ħelwa | Ir-Renju Unit | Katina tal-kustodja mill-ħruġ mir-razzett sal-ewwel proċessur |
| Universal Feed Assurance Scheme(UFAS) | Ingredjenti tal-għalf u għalf kompost kif ukoll għelejjel kombinati | Ir-Renju Unit | Katina tal-kustodja mill-ħruġ mir-razzett sal-ewwel proċessur |
| Roundtable on Sustainable Palm Oil RED (RSPO RED) | Il-palm taż-żejt | Globali | Katina ta' provvista sħiħa |

**Tabella 6:** *Skemi volontarji attwalment rikonoxxuti mill-Kummissjoni*

## 5. KONKLUŻJONIJIET

Il-miri tal-enerġija rinnovabbli għall-2020 se jkollhom jintlaħqu fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 fejn is-soċjetà inġenerali kif ukoll is-settur tal-enerġija ntlaqtu mill-aktar kriżi ekonomika u tas-saħħa serja f'għexieren ta' snin. Dan ir-rapport jikkonferma **li l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-miri tagħha tal-enerġija rinnovabbli għall-2020**. **Fl-2018, is-sehem ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita enerġetika tal-UE laħaq it-18 % (18,9 % għall-EU-27).** L-investimenti fl-enerġija rinnovabbli huma xprunati dejjem aktar mis-suq u s-sehem tas-sussidji pubbliċi qiegħed jonqos, b'mod partikolari għall-proġetti l-ġodda.[56] Dan ġie skattat mit-tnaqqis sinifikanti tal-kostijiet fit-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, it-

[56] Sussidji tal-enerġija fl-UE (anness għar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija, COM (2020)950)

tnaqqis ta' sussidji permezz ta' skemi ta' appoġġ aktar kompetittivi u muri mill-għadd ta' riżultati tal-irkant bi prezz baxx jew żero f'diversi pajjiżi Ewropej.

**Fl-2018, tnax-il Stat Membru diġà kellhom sehem ta' enerġija rinnovabbli ogħla mill-miri rispettivi tagħhom tal-2020.** Ħdax-il Stat Membru ieħor laħqu jew qabżu t-trajettorja indikattiva medja tagħhom tar-RED I għall-2017–2018. Madankollu ħames Stati Membri (Franza, l-Irlanda, in-Netherlands, il-Polonja u s-Slovenja) naqsu milli jagħmlu dan.

Fir-rigward tal-prospetti għall-kisba tal-mira tal-enerġija rinnovabbli għall-2020, l-immudellar reċenti jbassar li l-EU-27 tilħaq sehem ta' enerġija rinnovabbli ta' bejn 22,8 % u 23,1 %[57]. Dan jikkorrispondi għal żieda assoluta mistennija fl-użu tar-RES ta' 19.2–21.7 Mtoe bejn l-2018 u l-2020. L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq id-domanda għall-enerġija huwa sinifikanti u din is-sitwazzjoni eċċezzjonali għandha l-konsegwenza li l-ishma tal-enerġija rinnovabbli proġettati għall-2020 jiżdiedu b'mod ġenerali. Madankollu xi wħud minn dawn iż-żidiet jistgħu ma jseħħux maż-żmien ladarba l-attività ekonomika tirkupra kompletament.

**Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri se jilħqu l-miri tagħhom**, iżda tliet Stati Membri **(il-Belġju, Franza, u l-Polonja) jinsabu f'riskju serju li ma jagħmlux dan**. Barra minn hekk, żewġ Stati Membri (in-Netherlands u l-Lussemburgu) jinsabu f'riskju moderat li ma jilħqux il-mira.

Fid-dawl tal-analiżi f'dan ir-rapport:

- **L-Istati Membri huma mħeġġa bil-qawwi** biex jesploraw l-għażliet kollha possibbli **biex jużaw il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni**, b'mod partikolari trasferimenti statistiċi, bħala s-soluzzjoni biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni fil-ftit ġimgħat li fadal sa tmiem l-2020
- **Il-Kummissjoni Ewropea lesta tappoġġa** l-proċess eż. billi tappoġġa d-djalogu politiku tal-Istati Membri, toffri gwida teknika u l-pjattaforma tal-Unjoni għall-iżvilupp rinnovabbli għat-trasferimenti tal-istatistika li qed titħejja.
- L-**użu kontinwu ta' sorsi rinnovabbli għandu importanza kbira**. B'mod partikolari fid-dawl tal-ħtieġa li nibqgħu 'l fuq mil-linja bażi tal-2020 fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima kif stabbilit mill-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa u l-ħtieġa li nimxu lejn l-objettivi tal-2030 kif ukoll tal-2050.
- **Il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza** li l-Istati Membri għandhom iħejju biex jistabbilixxu l-aġendi ta' riforma u ta' investiment tagħhom għall-erba' snin li ġejjin jipprovdu **opportunità unika biex tingħata spinta lill-użu tal-enerġija rinnovabbli** u jikkontribwixxu kemm għall-irkupru ekonomiku kif ukoll għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.
- **Il-Kummissjoni Ewropea se tkompli timmonitorja l-iżviluppi** u, kif jirrikjedi r-Regolament dwar il-Governanza tal-Enerġija, se tivvaluta l-konformità mal-mira

[57] L-UE flimkien mar-Renju Unit huma 22,1 %–22,4 %

finali abbażi ta' rapporti mill-Istati Membri sat-30 ta' April 2022 bid-*data* reali tal-2020.

Għas-settur tat-trasport, fejn l-Istati Membri kollha għandhom jiksbu sehem ta' mill-inqas 10 % ta' enerġija rinnovabbli, żewġ Stati Membri biss, jiġifieri l-Finlandja u l-Iżvezja. irnexxielhom jaqbżu dan il-livell fl-2018. L-immudellar għall-2020 juri stampa kemxejn imtejba b'sehem RES-Trasport fl-UE ta' 12,2 %[58] u 16-il Stat Membru li laħqu jew qabżu l-mira. L-ilħuq tal-mira huwa obbligu legali, u għalhekk **il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-11-il Stat Membru li fadal biex jieħdu azzjoni xierqa permezz ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' użu jew kooperazzjoni**.

[58] L-UE flimkien mar-Renju Unit huwa 12,9 %